15.11.2023 A9-0319/353

**Emenda 353**
**João Pimenta Lopes**
f'isem il-Grupp The Left

**Rapport** **A9-0319/2023**
**Frédérique Ries**
L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ
(COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))

**Proposta għal regolament**
**Premessa 90c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(90c) L-għan ta' din il-leġiżlazzjoni jenħtieġ li jkun li tillimita l-użu ta' prodotti li bl-ebda mod ma huma ta' użu, kif ukoll li tnaqqas b'mod effettiv il-produzzjoni u l-użu ta' prodotti li jintremew u li ma għandhomx użu, filwaqt li tmur kontra loġika li fiha jiġi applikat il-prinċipju "l-konsumatur iħallas", u li tilleġitimizza l-produzzjoni u l-konsum kontinwi sakemm xi ħadd iħallas għalihom.*** |

Or. pt

**Emenda 354**
**João Pimenta Lopes**
f'isem il-Grupp The Left

**Rapport** **A9-0319/2023**
**Frédérique Ries**
L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ
(COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))

**Proposta għal regolament**
**Premessa 90d (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(90d) Huma meħtieġa politiki li jippromwovu l-innovazzjoni fil-produzzjoni, flimkien ma' approċċ normattiv għall-kuntrarju ta' approċċ tas-suq. Huma meħtieġa politiki li jippromwovu t-tnaqqis fil-produzzjoni u l-konsum, il-produzzjoni aktar sostenibbli, ristretta għal dak li huwa strettament meħtieġ, bi prodotti degradabbli jew riċiklabbli aktar faċilment. Jeħtieġ li jiġi promoss il-ġbir attiv ta' materjali li jintużaw darba biss u prodotti oħra li jaffettwaw l-ambjent.*** |

Or. pt



Magħquda fid-diversità

15.11.2023 A9-0319/355

**Emenda 355**
**João Pimenta Lopes**
f'isem il-Grupp The Left

**Rapport** **A9-0319/2023**
**Frédérique Ries**
L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ
(COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))

**Proposta għal regolament**
**Premessa 110a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(110a) L-objettivi, il-miri u l-iskedi ta' żmien proposti jenħtieġ li jkunu proporzjonati u bbilanċjati, filwaqt li jieħdu bħala punt tat-tluq il-kuntest reali u r-realtà f'kull Stat Membru. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti d-derogi meħtieġa biex jiżguraw li l-Istati jkollhom il-flessibbiltà meħtieġa u li l-objettivi, il-miri u l-iskedi ta' żmien ikunu adattati, u b'hekk l-implimentazzjoni tkun adattata għall-kapaċità u r-riżorsi reali ta' kull Stat Membru.*** |

Or. pt


Magħquda fid-diversità

15.11.2023 A9-0319/356

**Emenda 356**
**João Pimenta Lopes**
f'isem il-Grupp The Left

**Rapport** **A9-0319/2023**
**Frédérique Ries**
L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ
(COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))

**Proposta għal regolament**
**Premessa 110b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(110b) Bil-ħsieb li jiżdied l-ammont ta' imballaġġ miġbur, magħżul u rriċiklat, jeħtieġ li tiġi żviluppata u mibnija biżżejjed infrastruttura tad-dominju pubbliku, li jfisser li jenħtieġ li jiġu mobilizzati riżorsi ekonomiċi ambizzjużi meħtieġa taħt l-awspiċi tal-fondi tal-UE, b'finanzjament imsaħħaħ għall-Istati Membri b' punt tat-tluq taħt il-medja tal-EU27.*** |

Or. pt



Magħquda fid-diversità

15.11.2023 A9-0319/357

**Emenda 357**
**João Pimenta Lopes**
f'isem il-Grupp The Left

**Rapport** **A9-0319/2023**
**Frédérique Ries**
L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ
(COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Dan ir-Regolament jikkontribwixxi għall-funzjonament effiċjenti tas-suq intern billi jarmonizza l-miżuri nazzjonali dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ sabiex jiġu evitati l-ostakli għall-kummerċ, id-distorsjoni u r-restrizzjoni tal-kompetizzjoni fl-Unjoni, filwaqt li jipprevjeni jew inaqqas l-impatti negattivi tal-imballaġġ u tal-iskart mill-imballaġġ fuq l-ambjent u fuq is-saħħa tal-bniedem, abbażi ta' livell għoli ta' protezzjoni ambjentali. | 2. Dan ir-Regolament jikkontribwixxi għall-prevenzjoni jew it-tnaqqis tal-impatti negattivi tal-imballaġġ u tal-iskart mill-imballaġġ fuq l-ambjent u fuq is-saħħa tal-bniedem, abbażi ta' livell għoli ta' protezzjoni ambjentali, filwaqt li jikkontribwixxi ukoll għall-funzjonament ta' miżuri nazzjonali dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ. |

Or. pt

15.11.2023 A9-0319/358

**Emenda 358**
**João Pimenta Lopes**
f'isem il-Grupp The Left

**Rapport** **A9-0319/2023**
**Frédérique Ries**
L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ
(COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 11. Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-produtturi biex jikkonformaw mal-obbligi tar-responsabbiltà estiża tal-produttur tagħhom kif imsemmi fl-Artikolu 40 għandhom jiġu mmodulati abbażi tal-grad tal-prestazzjoni tar-riċiklabbiltà, kif iddeterminat f'konformità mal-atti delegati msemmija fil-paragrafi 4 u 6 ta' dan l-Artikolu u, fir-rigward tal-imballaġġ tal-plastik, anke f'konformità mal-Artikolu 7(6). | 11. Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-produtturi biex jikkonformaw mal-obbligi tar-responsabbiltà estiża tal-produttur tagħhom kif imsemmi fl-Artikolu 40 għandhom jiġu mmodulati abbażi tal-grad tal-prestazzjoni tar-riċiklabbiltà, kif iddeterminat f'konformità mal-atti delegati msemmija fil-paragrafi 4 u 6 ta' dan l-Artikolu u, fir-rigward tal-imballaġġ tal-plastik, anke f'konformità mal-Artikolu 7(6). ***Il-konsumatur finali ma għandux iġorr il-piż li jirriżulta mill-applikazzjoni ta' dan il-punt.*** |

Or. pt


Magħquda fid-diversità

15.11.2023 A9-0319/359

**Emenda 359**
**João Pimenta Lopes**
f'isem il-Grupp The Left

**Rapport** **A9-0319/2023**
**Frédérique Ries**
L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ
(COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 26 – paragrafu 16a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***16a. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri, b'mod partikolari skont is-sitwazzjoni speċifika tagħhom, jistgħu jiksbu derogi mill-applikazzjoni fil-ħin "tal-objettivi stabbiliti fil-paragrafi 1 sa 13, dment li jiġi żgurat pjan direzzjonali għal allinjament gradwali ma' dawk il-miri, filwaqt li jitqiesu r-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fil-punti 14, 15 u 16 ta' dan l-Artikolu.*** |

Or. pt

15.11.2023 A9-0319/360

**Emenda 360**
**João Pimenta Lopes**
f'isem il-Grupp The Left

**Rapport** **A9-0319/2023**
**Frédérique Ries**
L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ
(COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 26 – paragrafu 16b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***16b. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri jistgħu jagħtu derogi lill-intrapriżi mikro u żgħar tagħhom, b'mod partikolari skont is-sitwazzjoni speċifika tagħhom, mill-applikazzjoni fil-ħin tal-objettivi stabbiliti f'dan l-Artikolu, dment li jiġi żgurat pjan direzzjonali għal allinjament gradwali ma' dawk il-miri u jkun jista' jingħata appoġġ burokratiku u finanzjarju lill-intrapriżi li jitolbu dan bil-għan li jilħqu l-objettivi.*** |

Or. pt


Magħquda fid-diversità